*kieku ma tismax il-għanja*
*kieku ma tħossx il-frugħa*
*tal-għanja tal-qattus.*
*Għajnejn, xofftejn u kollox jintilef*
*fid-dlam iswed tal-lejl,*
*u jgħaddi l-lejl u tiġi x-xemx......*
*jitmattru bil-mibegħda f'qalbhom*
*bil-leħħa safra tal-flus f'għajnejhom*
*u jerġgħu jaħsbu għal fil-għaxija.*

*L-anġlu t'Alla minn fuq sħaba bajda:*
*"Għaliex qalbkom niexfa daqs il-blat*
*u għaliex*
*tafu tgħannu l-għanja faħxija*
*ta' l-imħabba ta' bil-lejl*
*u għaliex*
*fil-knejjes ma smajtx ħlief*
*taħbit ta' siġġijiet u tgerġir ta' nisa.*
*Mulejja u Mulejkom għadab għalikom."*

*Jieqfu għal ftit u jerġgħu għalli kienu.*

Ġ. Mifsud Bonnici.

---

## IL-QARI

Trid li l-qari jħalli fik effett li jibqa'? Aqra biss dawk il-kittieba li għandhom inġenju qawwi u għix bl-ikel li jitimgħuk. Meta tiġġerra minn hawn għal hemm tkun qisek ma waqaft imkien. Hajja mgħoddija fil-vjaġġi tlaqqgħek ma' ħafna nies, imma mal-ħbieb ftit wisq. Hekk jiġri lil dawk il-qarrejja li mingħajr ġibda għall-ebda ktieb aktar mill-oħrajn, jaqraw kull ma jiġi għal idejhom.

Seneca.